# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Marzu, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 364/01mm**

**Tabib Principali tal-Gvern**

**vs**

**Joseph Chetcuti LL.D. kuratur ta' Helen Falzon, assenti minn Malta, nominat permezz ta' digriet tal-11 ta' Jannar, 2000**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut nomine ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u sittax-il lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm316.66) dovuti lill-attur wara li l-assenti Helen Falzon irrezenjat mill-impjieg mall-Gvern u dan bi ksur ta' kuntratt pubbliku minnha adir fit-13 ta' Jannar, 1982. Kopja tal-kuntratt pubbliku hija annessa u mmarkat 'Dok BG'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut nomine jwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut nomine naqas u ma deherx, la fis-26 ta' Frar, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa.

Anthony Zammit

Deputat Registratur